MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 537/2010

**Pentasia Malta Limited**

**Vs**

**Sunderlands Online Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors  li bih is-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` Pentasia Malta Limited hija licenzjata sabiex tagixxi bhala agenzija tal-impjieg ai termini tal-Att Dwar is-Servizzi u Impjieg, Kapitolu 343 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi s-socjeta` Sunderlands Online Limited da parti taghha ghandha diversi licenzji ghal-Loghob minn Distanza mahruga mill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob ai termini tar-Regolamenti Dwar Loghob minn Distanza;

Illi r-relazzjoni bejn is-socjeta` Pentasia Malta Limited u s-socjeta` konvenuta Sunderlands Online Limited hija regolata permezz ta' ftehim, ossia dak id-dokument maghruf bhala "Terms of Business" li jgib id-data tas-6 ta' Novembru, 2006 mmarkat Dokument A;

Illi fost l-applikanti fuq ir-registru ghall-impjieg tas-socjeta` Pentasia Malta Limited kien gie registrat persuna bl-isem ta' Aurelio Vandelli, liema applikant, wara process ta' reklutagg, gie reklutat mis-socjeta` Sunderlands Online Limited;

Illi skond l-artikolu 3.4a u 3.5 tat-Terms of Business, is-socjeta` attrici Pentasia Malta Limited hija intitolata ghal ghoxrin fil-mija (20%) tal-paga annwali miftehma bejn il-kandidat Sunderlands Online Limited;

Illi stante illi l-paga annwali indikata kienet ta' €160,000 fis-sena u peress illi l-ftehim kien inizjalment ghal perjodu ta' sitt xhur, is-socjeta` attrici kienet ffatturat is-somma ta' €18,880 li minnhom kienet thallset is-somma ta' €9,440, izda s-socjeta` konvenuta Sunderlands Online Limited naqqset milli thallas il-bilanc ta' €9,440, tant illi gew intavolati proceduri fil-Qorti tal-Magistrati, liema proceduri ghadhom pendenti;

Illi peress illi l-impjieg ta' Aurelio Vandelli estenda oltre s-sitt xhur s-socjeta` attrici regghet ffaturat is-somma ta' €18,880 lilha dovuta ai termini tal-ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, liema fattura ggib in-numru 0912-445 u liema fattura nharget fit-12 ta' Dicembru, 2009, mmarkata bhala Dokument B;

Illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` Pentasia Malta Limited fis-somma ta' tmintax il-elf tmien mija u tmenin Euro (€18,880) rapprezentanti hlas

ghal servizzi rezi kif fuq inghad, liema somma s-socjeta` konvenuta naqqset milli thallas;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` konvenuta Sunderlands Online Limited hija debitrici tas-socjeta` Pentasia Malta Limited fis-somma ta' tmintax il-elf tmien mija u tmenin Euro (€18,880) jew dik is-somma verjuri li tirrizulta dovuta mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Sunderlands Online Limited thallas lis-socjeta` attrici Pentasia Malta Limtied is-somma ta' tmintax il-elf tmien mija u tmenin Euro (€18,880) jew dik is-somma verjuri li tirrizulta dovuta mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment, u bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta rapprezentanti ngunti in subizzjoni.

Rat ukoll id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi r-rikors u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------